VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 381 tal-2018

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA
(KAP. 463)

Regolamenti tal-2018 dwar l-Investiment fl-Artiġjanat

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar, wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

		Regolamenti
Taqsima I	Dispożizzjonijiet Generali	1 - 2
Taqsima II	Trasferiment tal-ħiliet	3 - 4
Taqsima III	Assistenza għall-*Start-ups* Artiġjanisti	5
Taqsima IV	Entitajiet Eliġibbli u Data tal-għeluq għas-sottomissjoni	6 - 8

Taqsima I
Dispożizzjonijiet Generali

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2018 dwar l-Investiment fl-Artiġjanat.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ mill-1 ta' Settembru 2018.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"artiġjanat" tfisser ħila bl-idejn biex jinħolqu affarjiet uniċi li jista' jkollhom użu kemm funzjonali kif ukoll dekorattiv;

"artiġjanist" tfisser impriża debitament reġistrata u tinkludi nies li jaħdmu għal rashom li jwettqu attività ekonomika bbażata fuq il-produzzjoni tal-artiġjanat jew nies li jaħdmu għal rashom li qabel kienu jwettqu attività ekonomika bbażata fuq il-produzzjoni tal-artiġjanat;

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta; Kap 463.

"impriża waħda" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha fi

VERŻJONI ELETTRONIKA

Linji Gwida;

"il-Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta mwaqqfa taħt l-Att;

"Linji Gwida" tfisser dawk il-linji gwida li jistgħu jiġu pubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skont l-Att;

"*Start-up*" tfisser impriża żgħira li mhux ikkwotata u li ilha stabbilita inqas minn tliet (3) snin u li għada ma għamlitx profitt u ma ġietx stabbilita permezz ta' għaqda.

Taqsima II
Trasferiment tal-Ħiliet

Assistenza għal għajnuna fil-proċess ta' trasferiment ta' ħiliet mogħtija lil artiġjanist eliġibbli.

3. Il-Korporazzjoni tista' tipprovdi għajnuna lill-artiġjanist skont it-termini stabbiliti fi Linji Gwida biex jiffaċilita l-proċess ta' trasferiment ta' ħiliet lil nies oħra billi tipprovdi:

(a) sa għaxar t'elef euro (€10,000) li jitħallsu b'rata sa għoxrin euro (€20) is-siegħa li jkopru l-ħin dedikat għal trasferiment tal-ħiliet;

(b) sa elfejn euro (€2000) li jgħinu fix-xiri tal-materjal meħtieġ għal implimentazzjoni ta' trasferiment tal-ħiliet.

Bonus.

4. Skont it-termini stabbiliti fi Linji Gwida, jekk il-Korporazzjoni tqies li trasferiment ta' ħiliet kien suċċess, il-Korporazzjoni tista' toffri lil artiġjanist, *bonus* sa elf euro (€1000).

Taqsima III
Assistenza għall-*Start-ups* Artiġjanisti

Għajnuna finanzjarja.

5. Il-Korporazzjoni tista' tipprovdi għajnuna finanzjarja sa għaxar t'elef euro (€10,000) li jitqassmu f'perjodu ta' mhux iżjed minn tnax(12)–il xahar lil *Start-up* artiġjanist li huwa kkontrollat minn persuna fiżika li akkwistat ħila mil-għajnuna mogħtija taħt dawn ir-regolamenti skont it-termini stabbiliti fi Linja Gwida.

Taqsima IV
Entitajiet Eliġibbli u Data tal-Għeluq għas-Sottomissjoni

Għajnuna.

6. Għajnuna taħt dawn ir-regolamenti għandha tiġi offruta għal impriżi debitament reġistrati li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida.

Konformità.

7. Għajnuna mogħtija taħt dawn ir-regolamenti għandha tkun f'konformità mar-Regolament *de minimis* skont kif inhu

VERŻJONI ELETTRONIKA

mfisser fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru. 1407/2013 ta' 18 ta' Diċembru 2013 fuq l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna *de minimis*.

8. L-ebda assistenza taħt dawn ir-regolamenti ma għandha tingħata mill-Korporazzjoni wara l-1 ta' Ġunju 2020. Data tal-Għeluq.